

# L-istatwa Titulari ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victoria



**Mario Fenech**



Waħda mill-Festi ewlenin tal-Gżira ta' Għawdex hija dik li ssir fil-Bażilika ddedikata lil San Ġorġ fil-Belt Victoria.

Din hija festa popolari ħafna u għaliha jitilgħu minn Malta bosta Qriema li jqishu bħala t-Tieni festa tagħhom.

Il-funzjonijiet li jsiru matul il-jiem tal-Festa dejjem ikunu fost l-aqwa. Dan kemm għal mod dinjituż u serju li jsiru bih, kif ukoll għall-attendenza tan-nies.

Il-Bażilika ta' San Ġorġ hija magħrufa sew għal bosta opri ta' arti sbieħ u ta' valur storiku kbir li fiha, fost dawn l-istatwa devota ta' San Ġorġ. Hija xogħol fl-injam u nħadmet mill-iskultur Pietru Pawlu Azzopardi li għex bejn is-sena 1791 u s-sena 1875. Din kienet saret bħala ħlas ta' wegħda li kienet saret waqt l-epidemija tal-pesta li kienet laqtet il-gżira ta' Għawdex fis-sena 1837. Nafu li waslet Għawdex sentejn wara jiġifieri fis-sena 1839 u mill-ewwel xegħlet devozzjoni kbira lejha.



Din kienet l-ewwel statwa titulari li waslet fil-Gżira u tant kienet intogħġbot mill-poplu li ma għaddhiex wisq żmien li mingħand l-istess skultur Pietru Pawl Azzopardi biex ġiet ordnata t-tieni statwa titulari t'Għawdex, dik ta' San Ġwann Battista għar-Raħal tax-Xewkija.

Fiż-żewġ xogħlijiet Pietru Pawl Azzopardi wera l-ħila tiegħu bħala skultur f'injam iebes bħala ma huwa dak taż-żebbuġ.

Il-fatt li l-Istatwa ta' San Ġorġ kienet saret permezz ta' wegħda wassal biex kull meta kien ikun hemm il-biża' minn xi epidemija jew il-bżonn ta' Talb speċjali, din l-istatwa kienet tinħareġ purċissjonalment waqt xi pellegrinaġġ jew tiġi maħruġa min-niċċa u esposta fil-Knisja.

Fost dawn wieħed isemmi d-data tal-15 ta' Jannar tas-sena 1924 meta kien hemm il-biża' li terremot kbir jolqot lill-Gżira, dak in-nhar l-istatwa ta' San Ġorġ kienet inħarġet fiil-Knisja fejn sar talb speċjali.

Fis-sena 1940, jiġifieri matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-Istatwa damet għal qima tal-poplu fil-knisja matul ix-xahar kollu ta' Lulju biex San Ġorġ iħares lil Għawdex mill-qilla tal-Gwerra.

Okkażjoni oħra meta l-Istatwa ta' San Ġorġ kienet ġiet esposta fil-Knisja kient dik tas-sena 1972 meta fil-Gżejjer Maltin kien hawn żewġ problemi, waħda ta' nuqqas ta' xita u l-oħra ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Gvern Malti u dak ta' l-Ingilterra.

L-istatwa matul is-snin ġiet iddekorata b'kuruna tar-rand, xabla u palma tal-Martri. Fis-sena 1957 sar is-sandli tad-deheb u biex dak li ħadem b'tant ħila Pietru Pawl Azzopardi jiġi ppreservat sew, sar xogħol ta' restawr mill-artist Ġużeppi Calì fis-sena 1903, mill-artist Ġużeppi Briffa fl-1943 u riċentament minn Ditta Taljana.

Dawk li jattendu għal din il-Festa ta' San Ġorġ f'Għawdex jafu b'liema ferħ u entużjażmu din l-istatwa tiġi milqugħa fil-Bieb tal-Bażilika u lejn l-aħħar tal-parti tal-purċissjoni waqt li tkun riesqa lura lejn il-Knisja. Għaldaqstant jekk int li qiegħed taqra dan l-artiklu għadek qatt ma rajt din il-festa ħu l-parir tiegħi u mur biex tara b'għajnejk dan li jien kbit dwaru.

Il-festa t-Tajba li kulħadd.